

Domandi preliminari

- 1) Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tista' tiġi miċħuda bħala applikazzjoni sussegwenti inammissibbli, hija kompatibbli mal-Artikolu 33(2)(d) u mal-Artikolu 2(q) tad-Direttiva 2013/32/UE ⁽¹⁾ jekk il-proċedura inizjali għall-ażil, li ġiet miċħuda, tkun tmexxiet fi Stat Membru ieħor tal-Unjoni?
- 2) Jekk ir-risposta għall-ewwel domanda tkun fl-affermattiv: leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tista' tiġi miċħuda bħala applikazzjoni sussegwenti inammissibbli, hija kompatibbli mal-Artikolu 33(2)(d) u mal-Artikolu 2(q) tad-Direttiva 2013/32/UE anki jekk il-proċedura inizjali għall-ażil, li ġiet miċħuda, ma tkunx tmexxiet fi Stat Membru tal-Unjoni iżda fl-Isvizzera?
- 3) Jekk ir-risposta għat-tieni domanda tkun fin-negattiv: leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li applikazzjoni għal ażil tkun inammissibbli fil-każ ta' applikazzjoni sussegwenti, u li ma tagħmel ebda distinzjoni bejn status ta' refuġjat u status ta' protezzjoni sussidjarja, hija kompatibbli mal-Artikolu 33(2)(d) tad-Direttiva 2013/32/UE?

⁽¹⁾ Direttiva 2013/32/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar proċeduri komuni għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali (ĠU 2013 L 180, p. 60).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Landgericht Düsseldorf (il-Ġermanja)
fit-18 ta' Settembru 2020 – BT vs Eurowings GmbH**

(Kawża C-438/20)

(2020/C 433/25)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Landgericht Düsseldorf

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: BT

Konvenuta: Eurowings GmbH

Domandi preliminari

- 1) Ikun hemm ċirkustanza fejn passiġġieri "ma jitħallewx jitolgħu" fis-sens tal-Artikolu 4 u tal-Artikolu 2(j) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ⁽¹⁾ anki meta passiġġieri ma jitħallewx jitolgħu fuq it-titjira kkonċernata mhux mill-post minn fejn jitolgħu l-passiġġieri, iżda minn qabel fil-post taċ-check-in u jekk, għal din ir-raġuni, dawn lanqas jippreżentaw ruħhom fil-post minn fejn jitolgħu l-passiġġieri?
- 2) Sa fejn l-ewwel domanda tingħata risposta fl-affermattiv: ikun hemm ċirkustanza fejn passiġġieri "ma jitħallewx jitolgħu" fis-sens tal-Artikolu 4 u tal-Artikolu 2(j) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 anki meta l-passiġġier ma jitħalliex jitle' fuq it-titjira mill-post taċ-check-in f'it minuti biss qabel il-ħin skedat tat-tluq, jiġifieri f'mument meta t-tluq ikun b'mod ċar diġà ntemm u meta ma jkunx iktar *de facto* possibbli għall-passiġġieri li jitolgħu?
- 3) Sa fejn it-tieni domanda tingħata risposta fin-negattiv: bidla fir-riżervazzjoni tal-passiġġieri b'check-in fuq titjira oħra tikkostitwixxi ċirkustanza fejn passiġġieri "ma jitħallewx jitolgħu" fis-sens tal-Artikolu 4 u tal-Artikolu 2(j) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 meta l-passiġġier jippreżenta ruħu mal-post taċ-check-in f'it minuti biss qabel il-ħin skedat tat-tluq, jiġifieri f'mument meta t-tluq ikun b'mod ċar diġà ntemm u meta ma jkunx iktar *de facto* possibbli għall-passiġġieri li jitolgħu, u meta t-trasport ikun ġie miċħud lil minħabba li t-tluq ikun diġà ntemm?

- 4) Fil-każ fejn l-ewwel sat-tielet domanda jingħataw risposta fin-negattiv: l-Artikolu 2(j) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 għandu jiġi interpretat fis-sens li, meta l-passiġġieri jilhqg fil-ħin (jiġifieri, f'dan il-każ, madwar sagħtejn qabel it-tluq) il-kju quddiem il-post taċ-check-in, iżda, minħabba nuqqasijiet fl-organizzazzjoni tal-kumpannija tal-ajru (b'mod partikolari, numru insuffiċjenti ta' postijiet għaċ-check-in miftuħa, nuqqas ta' persunal, nuqqas ta' informazzjoni lill-passiġġieri permezz tas-sistemi ta' avviż pubbliku) u/jew minħabba disturbi fl-ajruport (f'dan il-każ: nuqqas ta' funzjonament taċ-ċinga li tittrasporta l-bagalji), ikun imiss lil dawn il-passiġġieri li jippreżentaw ruħhom fil-post taċ-check-in biss f'ħin (f'dan il-każ, ħames minuti qabel il-ħin skedat tat-tluq) fejn it-tluq ikun diġà ntemm u fejn, għal din ir-raġuni, dawn ma jitħallewx jitolgħu, ikun hemm ċirkustanza fejn passiġġieri "ma jitħallewx jitolgħu" fis-sens tal-Artikolu 2(j) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004?

(¹) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Nürnberg (il-Ġermanja)
fil-21 ta' Settembru 2020 – flightright GmbH vs Ryanair Designated Activity Company**

(Kawża C-442/20)

(2020/C 433/26)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Nürnberg

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: flightright GmbH

Konvenuta: Ryanair Designated Activity Company

Domandi preliminari

- 1) Strajk organizzat minn sindakat tal-persunal ta' trasportatur tal-ajru li jopera jikkostitwixxi "ċirkustanza straordinarja" fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 (¹)?
- 2) Huwa ta' rilevanza l-fatt li l-imsemmi strajk qed isir abbażi ta' talbiet imressqa mill-persunal li ma kinux miftiehma kuntrattwalment minn qabel bejn il-persunal u t-trasportatur tal-ajru li jopera?
- 3) Huwa ta' rilevanza l-fatt jekk l-istrajk inkwistjoni nbediex minħabba ċertu mġieba tat-trasportatur tal-ajru li jopera matul in-negozjati mas-sindakat?

(¹) Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jstabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitolgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Nürnberg (il-Ġermanja)
fil-21 ta' Settembru 2020 – flightright GmbH vs Ryanair Designated Activity Company**

(Kawża C-443/20)

(2020/C 433/27)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Qorti tar-rinviju

Amtsgericht Nürnberg